MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2008

Numru. 89/2008

**Il- Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**vs**

**Joseph Calleja**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Joseph Calleja ta' 30 sena, iben Joseph u Lucia nee` Salerno, mwieled Pieta` nhar is- 27 ta' Gunju, 1978, residenti Entratura G, Flat 8, Binja Santa Venera, Triq Patri Gustin Sant, Santa Venera u detentur tal- karta ta' l- identita 300578M.

U akkuzat talli nhar is- 6 ta' Mejju, 2008 ghall- habta tal- 11:00hrs, gewwa Santa Venera, kif ukoll fil- granet ta' qabel, f' hinijiet different u f' diversi postijiet madwar Malta,

1) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d- droga eroina, specifikata fl- ewwel skeda ta’ l- ordinanaza dwar il- medicini perikoluzi, Kap 101 tal- Ligijiet ta’ Malta lill- persuna jew persuni jew ghall- uzu ta’ persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill- President ta’ Malta minghajr ma kien awtorizzat bir- regoli tal- 1939 ghall- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` mghotija mill- President ta’ Malta li jforni d- dorga u minghajr ma kien fil- pussess ta’ awtorizzazjoni ghall- importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal- Gvern skond id- dispozizzjonijiet tas- sitt taqsima ta’ l- ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorzzat li jimmanifattura jew iforni d- droga msemmija u minghar ma kellu licenzja li jipprokura l- istess droga u dan bi ksur tar- regolament 4 tar- regolamenti ta’ l- 1939 ghall- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta’ l- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta’ Malta.

2) Aktar talli kellu fil- pussess tieghu id- droga eroina specifikata fl- ewwel skeda ta’ l- ordinanza dwar il- medicini perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta’ Malta meta ma kienx fil- pussess ta’ awtorizzazzjoni ghall- importazzjoni jew ghall- esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal- Gvern skond id- dispozizzjonijiet tar- 4 u s- 6 Taqsima ta’ l- Ordinanza u meta ma kienx bil- licenzja jew xort’ ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d- droga msemmija u meta ma kienx b’ xi mod iehor bil- licenzja mill- President ta’ Malta li jkollu d- droga msemmija fil- pussess tieghu u naqas li jipprova li d- droga msemmija giet fornuta lilu ghall- uzu skond ir- ricetta kif provdut fir- regolamenti msemmija u dan bi ksur tar- regoli ta’ l- 1939 dwar il- kontroll intern tad- drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta’ l- Ordinanza dwar il- Medicini Perikoluzi Kap 101 tal- Ligijiet ta’ Malta.

3) Aktar talli rrenda ruhu recidiv b’ diversi sentenzi tal- Qorti ta’ Malta, liema sentenzi huma definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il- Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f' idejn terzi persuni b' mod generali l- flejjes u l- propjeta` mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lill jew ikunu imissu lill-akkuzat jew huma propjeta` taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill- akkuzat milli jittrasferixxi jew xort' ohra jiddisponi minn xi propjeta` mobbli jew immobbli.

Il- Qorti giet ukoll mitluba sabiex tordna lill- imputat sabiex ihallas l- ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal- hatra ta' l-esperti, skond l- artikolu 533 (1) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.
Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u t-taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jinstema minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Rat li fis-seduta mizmuma fit-8 ta' Mejju 2008 l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Rat d-dokumenti esebieti.

Semghat l-partijiet jittrattaw dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati, ic-cirkostanzi li wasslu lill-imputat biex jikkommetti dawn ir-reati, l-fedina penali ta' l-imputat u l-ammissjoni tieghu f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u t-taqsimiet 4 u 6 u l-artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolamenti 4 u 9 ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939, fuq ammissjoni issib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijet

migjuba kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta’ prigunerija ghal perjodu ta’ erba’ (4) snin. Il-Qorti tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiva ta’ Kordin sabiex jghati lil-imputat l-ghajnuna kollha biex jirrabilita ruhu mill-vizju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------